II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/221

tal-10 ta' Frar 2015

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri marbutin mal-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li tkun ibbażata, kollha kemm hi jew parti minnha, fuqha, jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha, u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn marbutin mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu klassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) għar-raġunijiet mogħtija fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunita (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Heinz ZOUREK

Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Vettura ġdida b'diversi użi li tingrana fuq erba' roti, li għandha magna interna bil–pistuni bil-kombustjoni li taqbad bil-kompressjoni (magna diżil) b'ċilindrata ta' 720 ċm³, li għandha piż nett (inklużi l-fluwidi) ta' madwar 630 kg u kapaċità ta' rmunkar mingħajr il-brejkijiet ta' 750 kg, u li jkun fiha bejn wieħed u ieħor 300 ċm b'160 ċm. Il-vettura għandha kabina miftuħa b'żewġ sits (inkluż dak tas-sewwieq), u għandha qafas sħiħ ta' protezzjoni kontra l-qlib, pjattaforma għall-merkanzija magħmula minn qafas sod tal-azzar b'bodi b'saħħtu li jitmejjel bi pjattaforma ċatta, b'kaxxa li titmejjel permezz ta' mekkaniżmu li jitħaddem bl-idejn u li tkun tiflaħ 0,4 m³ jew madwar 400 kg. Il-vettura hija maqtugħa sew mill-art (tinsab 27 ċm 'l fuq mill-art) u għandha bażi tar-roti ta' 198 ċm. Hija għandha tajers li jċaqalqu t-terrapien jew il-ħamrija li jistgħu jintużaw fuq art imħarbta, brejkijiet b'diska umda, mekkaniżmu tat-tqabbid u konnessjoni tal-irmonk fuq quddiem. Il-vettura għandha veloċità li hija limitata għal 25 km fis-siegħa u għandha kapaċità kbira ta' bbrejkjar. Il-vettura hija ddisinjata biex tintuża fuq art imħarbta, u b'mod partikulari fuq art imħattba ħafna. Il-vettura qed tiġi ppreżentata bħala vettura li tista' tintuża għal diversi funzjonijiet, pereżempju biex timbotta jew tiġbed il-karrijiet, jewinkella biex jinġarru minn naħa għall-oħra l-annimali, il-pjanti, il-kaxxi, l-ilma u t-tagħmir, jew biex jinġarr il-munizzjon jew l-għalf għall-annimali. (*) Ara l-istampa mogħtija.	8704 21 91	Il-klassifikazzjoni qed issir skont ir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u skont il-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8704, 8704 21 u 8704 21 91. Il-vettura hija ddisinjata bħala vettura bi skop multiplu li tista' tintuża għal għadd ta' funzjonijiet f'diversi ambjenti. Hija għandha l-karatteristiċi oġġettivi tal-vetturi bil-mutur użati għat-trasport tal-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 8704. (Ara wkoll l-Opinjonijiet numri 8704.31/3. u 8704 90/1. dwar il-klassifikazzjoni fis-sistema armonizzata). Il-vettura mhix trakk tal-ġebel b'kaxxa li awtomatikament tferra' l-materjal ta' go fiha li hi ddisinjata biex ma tinstaqx fit-triq. Mhix mibnija b'saħħitha biżżejjed b'bodi li jitmejjel jew li jinfetaħ minn taħt, li huwa ddisinjat biex iġorr il-materjal imħaffer jew materjal ieħor (ara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni tas-sistema armonizzata b'rabta mal-punt (1) tas-sitt paragrafu tal-intestatura 8704). Għalhekk, il-vettura ma tistax tiġi kklassifikata taħt is-sottointestatura 8704 10. Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8704 21 91 bħala vettura ġdida bil-mutur għat-trasport tal-prodotti.

(*) L-istampa qed tingħata għall-finijiet tat-tagħrif biss.


